MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

[Nhar il-Tlieta 25 ta' Settembru 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

66.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsilliera Graziella Attard Previ bagħtet messaġġ biex tgħid illi se tkun tard. Żied illi l-kunsillier Joseph Galea informa li jista jkun illi mhux se jattendi peress illi għadu qed jirkupra.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

66.2.1 B'referenza għal punt numru 65.6.3 is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iltaqa mall-Kummissarju tal-Pulizija fejn ressaqna proposta biex nuzaw face-recognition cameras fil-lokalita. Qal illi waqt dawn id-diskussjonijiet kien ċar illi minn naħa tal-pulizija hemm bzonn illi naħdmu skont il-liġijiet fuq data protection, waqt illi l-pulizija qalu li hija sistema li għanda tkun waħda nazzjoni u mhux għal Gżira biss. Żied illi ftit ijiem wara il-Prim Ministru wkoll għamel referenza għall-istess tip ta' sistema. Għalhekk qal illi, fil-fehma tiegħu, għal xejn nonfqu flus fuq kameras normali fejn hemm opportunita li nuzaw sistema state of the art.

66.2.2 B'referenza għal punt nru 65.6.5, is-Sindku qal illi għal issa ma mmissux ic-Central Strip ta' Sliema Rd.

## 66.3 Korrespondenza mas-Sindku

66.3.1 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li nibdew naċċettaw ħlasijiet għal ARMS f'kaz illi jkun hemm qbil bejn l-Assoċazzjoni u l-ARMS.

66.3.2 Il-Kunsill qabel illi s-sur Michael Portelli jibqa bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għal tlett xhur illi ġejjin.

66.3.3 MoU bżieżaq: Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif se ssir Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill li kull lokalita se jieħu l-passi biex inaqssu l-użu tal-plastikk madwar il-lokalitajiet. Qal illi l-MoU se tiġi ffirmata nhar il-Ġimgħa. Is-Sindku qal illi se jattendi hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

66.3.4 RLR: Il-Kunsill qabel illi fis-17 ta' Ottubru l-RLR Yachting jagħmlu hot-dog stand barra l-ħanut tagħhom, bil-kundizzjoni li jimxu mar-regolamenti tad-TLU.

66.3.5 Skola Santa Monica: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ftit ġranet ilu rċieva proposta mill-iskola ħalli tingħalaq triq Edgar Bernard kuljum bejn is-1.30pm u 2pm. Qal illi spjega li dawn l-affarijiet ma jsirux f'perjodu qasir u li hemm bzonn konsultazzjoni ma Transport Malta. Qal illi hemm alternattiva li tingħalaq triq Maria Teresa Spinelli izda tal-iskola ma qablux. L-għada tal-laqgħa se ssir laqgħa on the spot bejn il-Kunsill u l-iskola.

## 66.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

66.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 66.5 Rapporti

66.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet, u ritratti, għar-rilaxx ta'garanzija fuq il-bankina:

Triq Madonna tal-Ġebla c/w San Albert
47A Sir Charles Cameron
94/96 Manoel de Vilhena
Triq ir-Rebħa c/w Manoel de Vilhena

Il-kunsilliera qablu li jiġu rilaxxati l-garanziji kollha.

66.5.2 **Tender Printers:** Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-evalwazzjoni fejn l-irħas bidder ma kienx teknikament konformi u b'hekk ħa t-tender it-tieni l-irħas wieħed. Spjega li kien hemm differenza minima meta ħadna l-average tal-ispejjez skont l-average ammont ta' karti li nipprintjaw kull xahar.

**Il-kunsillier Wayne Hewitt telaq fis-7pm**

66.5.3 **Kunsill Lokali BOQ**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'għandux il-BOQ's la ma konniex irċevejna kollox ħalli nieħdu idea tall-ispejjez. Ħalla koppja tal-proġett għall-kunsilliera kollha. Waqt diskussjoni intqal illi l-ispejjez mhux se jkunu ftit. Is-Sindku qal illi l-ispejjez se jkunu assets f'kaz illi niġu biex nbiegħu l-propjeta jekk naslu biex imorru ix-Xatt.

66.5.4 **Tower Cranes**: Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta s-site plans ta dawn l-applikazzjonijiet għat-Tower Cranes:

Gzira Road: Il-Kunsill approva t-talba izda preferibalment isuir mina taħt it-tower crane. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn bollards malli ddur mix-Xatt ħalli ma jkunx hemm ostakli għal on-coming traffic. Is-Sindku qal illi x-xogħol tista tibda biss wara li nlestu t-triq u l-bankina.

Piazza Meme Scicluna: Kien hemm talba biex il-bazi tat-Tower Crane tkun fil-parking fejn il-gazebo. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat il-pjanti lil min qed jieħu ħsieb ix-xogħol tal-PoliClinic ħalli nkunu ċerti li mhux se jkun hemm problemi biex jaħdmu fuq il-proġett. Qal illi rrispondew illi fejn possibli kiku juzaw l-istess Tower Crane.
Wara diskussjoni l-Kunsill approva li minflok it-tower crane ssir fuq il-bankina fejn is-sit u jkun hemm mina ħalli jkun hemm aċċess għan-nies.

Reggie Miller c/w triq Luqa Briffa: Il-Kunsill irċieva proposta ħalli ssir Tower Crane mall-kantuniera bejn Reggie Miller u Luqa Briffa izda se jkun hemm mina ħalli ma jkun hemm l-ebda ostaklu fit-triq, jew problema ta' aċċess għan-nies. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li ma jkun

hemm l-ebda ostaklu għat-traffiku speċjalment minħabba l-approvazzjoni tat-talba f'punt 66.3.3.

Reggie Miller: Il-kumpanija li qegħdin jibnu taħt Villa Portelli [triq Reggie Miller] għamlu talba biex issir Un/Loading bay fit-triq peress illi se jkollom Tower Crane ġewwa s-site tagħhom. Il-Kunsill qabel mall-proposta li ssiru żewġ zebra crossings ħalli n-nies jaqsmu waqt illi l-bankina tintuza bħala parti mill-Un/Loading. Qablu wkoll illi neqilbu l-parking.
Is-Sindku qal illi hemm bzonn naraw x'se jsir fejn se jkun hemm il-lane għat-traffiku li twassal in-nies minn Rue D'Argens sa Kappara Junction peress illi taħt hemm il-konkos u rridu nkunu ċerti li m'hemmx perikli.

66.5.5 IL-Kunsill approva l-iskeda tal-WasteServ issa li se tibda tinġabar l-iskart organiku. L-iskeda se tkun:

Nhar it-Tnejn: Skart organiku/borza s-sewda
Nhar it-Tlieta: Skart riċekabbli
Nhar l-Erbgħa: Skart organiku
Nhar il-Ħamis: Borza s-sewda
Nhar il-Ġimgħa: Skart organiku/bskart riċekabbli
Nhar is-Sibt: Borza s-sewda.

## 66.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

66.6.1 Gżira rd.: Il-kunsilliera Graziella Attard Previ staqsiet fuq triq il-Gżira peress illi hemm ħafna perikli. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi WSC lestew il-mains u se nibdew bil-bankina. Qal illi kien hemm problema zgħira peress illi hemm cables tal-vodafone u għandom jiltaqaw fuq il-post mall-kuntrattur tagħna qabel ma nibdew ix-xogħolijiet. Wara li nlestu l-bankina, Infrasstruttura Malta se jagħtu wiċċ ġdid ħalli l-proġett tkun kompluta.

66.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba mingand impjegata tal-Kunsill Lokali li tixtieq tibda titlaq mis-siegħa biex tkun tista tiġbor it-tifla tagħha. Qalet illi kienet ħadet ħsieb ħalli l-van tal-iskola twassal lit-tifla sall-Kunsill izda fl-aħħar ftit saret taf illi għandi tibda tmur tiġborha mill-iskola. Għamlet talba li tibda taħdem is-sigħat minn qabel biex tieħu ħsieb ix-xogħol ta' back-office. Il-Kunsill approva r-rikwest.

## 66.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

66.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 66.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għat- 23 ta' Ottubru 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |